# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru, 2001

**Numru**

**Citaz.  numru:  1037/91 D1 NA**

**Emmanuel Schembri u martu Filomena Schembri; u b'digriet tas-6 ta' Frar 1998, stante l-mewt ta' Filomena Schembri fil-mori tal-kawza l-atti gew trasfuzi f'isem l-ulied tal-mejta Filomena Schembri u cioe' John Schembri, Noel Schembri u Audrey-Ann Sciberras;  u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Marzu 2000 giet awtorizzata trasfuzjoni ta' l-atti peress li fil-mori tal-kawza miet l-attur Emmanuel Schembri u l-atti gew trasfuzi f'isem Noel Schembri, John Schembri u Audrey-Ann mart Joseph Sciberras bhala l-eredi universali ta' l-imsemmi Emmanuel Schembri**

**vs**

**David Tanti**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-11 ta' Ottubru 1991 li biha ppremettew:

"Illi waqt li fl-10 ta' Marzu 1990 ghal-habta tal-10.45 p.m. waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura Datsun Sunny numru ta' registrazzjoni A-2089 minn go Sisters Street, Paola, hu safa nvolut f'incident awtomobilistiku mal-vettura Astra Bedford numru ta' registrazzjoni G-9924 misjuqa mill-konvenut;

Illi bhala rizultat ta' dana l-incident awtomobilistiku sew l-istess attur, kif ukoll martu Filomena Schembri anke danni ta' natura permanenti kif jirrizulta mill-annessi zewg certifikati tal-konsulent Mr. Charles Grixti hawn annessi bhala Dokument "A" u Dokument "B"; (sic);

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-atturi baqa' inadempjenti;

TALBU li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara f'Paola fl-10 ta' Marzu 1990 bejn il-vetturi A-2089 u G-9924 kif fuq premess;

2. tillikwida d-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' dina l-kollizjoni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi kwalsiasi ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u nteressi legali kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, l-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. "Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident awtomobilistiku *de quo* kien jahti l-attur;

2. Isegwi, riferibbilment ghat-tieni talba, li m'hemmx danni ta' l-atturi x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjent;

3. Izid jitnissel li, riferibbilment ghat-tielet talba, m'hemm ebda ammont li l-eccipjent ghandu jhallas lill-attur;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u b'riserva ta' kull azzjoni talvolta spettanti lill-eccipjent, senjatament dik tar-risarciment tad-danni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fil-21 ta' Jannar 1992 gie nominat Dr. Richard Galea Debono bhala Perit Legali. Fil-15 ta' Gunju 1992 Dr. Richard Galea Debono gie ezonerat mill-inkarigu tieghu u minflok gie nominat Dr. Tonio Mallia.

Fuq talba tal-Perit Legali gie nominat il-kirurgu Frederick Zammit Maempel fil-15 ta' Lulju 1993 bhala Perit Mediku u sussegwentement bi qbil bejn il-partijiet gie mahtur ukoll it-Tabib Dr. Alfred Caruana Galizia biex jassisti lill-kirurgu Frederick Zammit Maempel fl-ezami mediku ta' l-attur.

Ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dr. Tonio Mallia gie pprezentat fil-31 ta' Jannar 1997, assistit mill-Periti Medici Frederick Zammit Maempel u Alfred Caruana Galizia.

Fuq <u>responsabbilita'</u> gie sottomess illi dan l-incident sehh f'salib zewg toroq li ghandhom jitqiesu toroq ta' l-istess importanza. Ir-regola hi li d-dritta hi dik tal-vettura li tkun fuq ix-xellug ta' l-iehor. Il-konvenut kien fuq ix-xellug ("Bellizzi vs Vella" – Appell 27/06/79; "Attard vs Degiorgio" – Prim'Awla 22/09/78; u "Cardona vs Axisa" – Prim'Awla 27/07/92). Ghalkemm il-konvenut kellu d-dritta hu obbligu taz-zewg sewwieqa li jieqfu jesploraw it-toroq. Jekk iz-zewg vetturi ma jieqfux it-tort ghall-habta tkun tat-tnejn bir-responsabbilta' tinqasam fi ta' grad terz u zewg terzi bil-grad akbar ta' htija ghal dak fuq il-lemin.

F'dan il-kaz it-tnejn ma waqfux fl-inkrocju. Mill-entita' tal-hsarat jindikaw illi l-konvenut kellu *speed* ftit qawwi. Il-kawza prossima ta' l-incident pero' ma kienx li *speed* tal-konvenut izda l-fatt li hadd mill-partijiet ma waqaf fl-inkrocju ("Borg vs Muscat" – Prim'Awla 06/02/87).

Fid-dawl tal-premess jahtu z-zewg partijiet fi proporzjon ta' terz il-konvenut u zewg terzi l-attur.

**Likwidazzjoni**

Damnum Emergens

L-attur irreklama danni ta' vettura *total loss* bi *pre-accident value* ta' Lm2500, kif ukoll telf ta' xoghol bhala *part-time mechanic* fejn tilef *average* ta' Lm240 kull xahar (bejn Marzu u Gunju).

Lucrum Cessans

Il-Periti Medici ssottomettew illi l-attur ma ghandu ebda dizabbilita' permanenti.  L-attrici ghandha dizabbilita' stmata ta' 3% u adottaw is-sistema tal-*multiplier* kif stabbilit f'"Butler vs Heard" – Appell 22/12/67.  L-attrici ma tahdimx izda hija mara tad-dar pero' xorta ghandha dritt ghall-kumpens meta l-kapacita' lavorattiva taghha tigi menomata ("Muscat vs Buhagiar" – Prim'Awla 15/07/83).

Il-*multiplier* fil-gurisprudenza moderna jeqreb lejn l-eta' ta' wiehed u sittin sena. L-attrici kellha 46 sena u wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*" ("Bugeja vs Agius" – Appell 26/07/91). Mara tad-dar pero' ma "tirtirax" ta' 61 sena. F'dan il-kaz irrizulta illi l-istat ta' sahha ta' l-attrici kien ftit dghajjef u "*chances of life*" m'ghandhomx jigu valutati daqs ta' persuna normali. Gie ghalhekk adoperat l-*multiplier* ta' 10 snin (effettivament jinghad mill-Qorti illi l-attrici mietet fil-mori tal-kawza fl-1998 u cioe' tmien snin wara l-incident in kwistjoni).

Bhala paga, kieku l-attrici giet menomata 100% u l-attur impiega xi hadd *full-time* biex jiehu hsieb id-dar kellu jhallas zgur *minimum wage* liema paga kellha tizdied biz-zmien. Il-paga ghalhekk inhadmet fuq Lm4400 fis-sena.

Ghalhekk Lm4400 X 10 X 3% = Lm1320. Ma ghandhiex issir *deductions* fuq *lump sum payment* ghaliex l-incident sehh 6 snin ilu (NB illum 10 snin) ("Eder vs Bajada" – Appell 29/03/85).

L-ammont ta' danni dovuti lill-atturi huwa ghalhekk ta' Lm2500 + Lm1000 + Lm1320 = Lm4820 li minnha l-konvenut ghandu jhallas 1/3 u cioe' Lm1607.

Il-konvenut ukoll sofra hsara u hija l-pratika tal-Qorti ghalkemm ma hemmx kontro-talba formali mill-konvenut, topera kompensazzjoni "Grech vs Azzopardi" – Prim'Awla 07/06/81; u "Cutajar vs Grima" – Prim'Awla 24/02/83). Il-hsara li garrab il-konvenut fil-vettura tieghu giet stmata fl-ammont ta' Lm880 pero' jirrizulta mill-ircevuti (mhux kontestati) illi l-konvenut hallas Lm1409.63. L-atturi ghandhom ghalhekk ihallsu 2/3 ta' Lm1409 u cioe' Lm939.

Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm668.

Il-konvenut ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fejn isostni illi l-Perit Legali qies li l-inkrocju kien maghmul minn toroq ta' importanza ndaqs u r-responsabbilita' ta' l-incident titqassam 2/3 u 1/3. Dan huwa minnu ghall-habtiet li jsiru bi nhar ghaliex fil-lejl ir-ragg tad-dawl tal-vetturi jaghti pre-avviz tal-meta l-vettura tkun ghadha fit-triq u lura mill-kantuniea u l-

inkrocju.  Id-dawl jasal qabel il-vettura.  Id-dritt tkun ta' dak li gej mix-xellug kif pre-avvizat mid-dawl tal-vettura.  ("The Advanced Driver - Nasman Sullivan).

L-attur ghandu jigi akkolt bir-responsabbilita' shiha u mhux *in parte*.

Dwar il-likwidazzjoni maghmulha jissottometti illi:

1. Mill-*pre-accident value* tal-vettura ta' l-atturi ta' Lm2500 irid jinqata' r-*wreck value*.

2. Dwar telf ta' xoghol il-Perit Legali llikwida Lm1000 ghal *part-time job*.  L-attur kellu jipprova billi jipprocui *income tax returns* bhala l-ahjar prova.

3. Dwar 3% debilitazzjoni permanenti ta' l-attrici dan ghandu jigi rikonsidrat fuq l-isfond ta' ghajnuna domestika u mhux fuq *loss of future earnings*.

Fin-Nota ta' Osservazzjonijiet ulterjuri l-konvenut jissottometti ulterjorment illi l-attrici mietet fil-mori tal-kawza.  Il-*multiplier* ittiehed bhala 10 snin riferibbilment ghad-dizabbilita' ta' l-attrici

ta' 3%.  L-incident sehh fl-10 ta' Marzu 1991 [(u addenda) hija mietet fl-24 ta' Marzu 1997].  L-attur miet fit-3 ta' Marzu 1999.

Ikkunsidrat:-

Illi r-rapport gie mahluf fis-seduta tal-10 ta' Mejju 1999 u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghat-13 ta' Ottubru 199 bil-hin.  F'din is-seduta ma deher hadd u l-kawza giet differita ghas-sentenza salv ghal dak indikat fl-istess verbal. Hlief ghan-noti ta' l-osservazzjonijiet sottomessi mill-konvenut ma saret ebda kritika tar-rapporti peritali u ghalhekk din il-Qorti thoss li fl-ghotja ta' din is-sentenza ghandha tillimita ruhha ghall-kritika maghmulha mill-konvenut u, fil-kumplament, taddotta r-rapport peritali.

Ikkunsidrat:-

Dwar ir-responsabbilita' ghall-incident in kwistjoni l-Qorti taqbel perfettament ma' dak sottomess mill-Perit Legali. Huwa effettivament ta d-dritta lill-konvenut pero' in linja mal-gurisprudenza minnu kkwotati kien ta' l-opinjoni illi minkejja din id-dritta l-konvenut kellu jbati r-responsabbilita' ghal terz tad-danni kkagunati peress illi huwa wkoll kellu l-obbligu li

jesplora t-triq qabel ma jittraversa l-istess. Dan il-principju ghandu japplika wkoll fejn l-incident ikun sar bil-lej ghax il-principji kkwotati mill-konvenut kull ma jaghmlu huma li jsostnu u jinforzaw id-dritta li kellu (u li effettivament inghatalu mill-Perit Legali) pero' ma jilliberawhx mill-obbligu fuq imsemmi.

Ikkunsidrat:-

Dwar id-danni likwidati:

**1.** Huwa minnu illi s-*survey report* (Dokument "WCT2" a fol. 77) jistma l-*pre-accident value* tal-vettura ta' l-atturi fl-ammont ta' Lm2500 pero' l-*wreck value* huwa wkoll stmat fl-ammont ta' Lm200 u li allura, gustament, dan l-ammont irid jinqata' mill-ammont tal-*pre-accident value*;

**2.** Dwar it-telf mix-xoghol *part-time*, invece, l-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi dan it-telf gie effetivament ippruvat u li ma kienx necessarju ghall-attur jipproduci l-Income Tax Return bhala l-ahjar prova;

**3.** Id-disabilitia' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%) ta' l-attrici giet ikkunsidrata mill-Perit Legali fl-isfond ta' l-ghajnuna domestika u mhux fuq *loss of future earnings* (ara pagna 7 tar-rapport a fol. 154 paragrafu 18) u ghalhekk din il-kritika mhijiex gustifikata;

**4.** Finalment fir-rigward tan-nota ulterjuri tal-konvenut huwa minnu li l-attrici mietet fil-mori tal-kawza. L-incident sehh f'Marzu tal-1990 (u mhux 1991) filwaqt illi hija mietet f'Marzu tal-1997 u ghalhekk seba' snin biss wara l-incident. Sfortunatament ghall-attrici dan il-fatt li sehh qabel ma inghatat is-sentenza ma jistax jigi njorat mill-Qorti li ghalhekk thoss li ghandha tnaqqas il-*multiplier* minn ghaxra ghal seba' snin ghax dan huwa z-zmien li jirrizulta bhala fatt li fih l-attrici kellha bzonn l-ghajnuna domestika. L-ammont ghalhekk dovut lill-atturi, jew l-aventi kawza taghhom, bhala danni b'rikapitulazzjoni jgibu Lm2300 + Lm1000 + Lm924 (Lm4400 x 7 x 3%) ghal total ta' Lm4224, terz ta' liema somma jwassal ghall-ammont ta' Lm1408. Il-kumpensazzjoni ghalhekk dovuta mill-konvenut hija ta' (Lm1408 - Lm939) Lm469 li huwa l-ammont li l-konvenut irid ihallas lill-atturi.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti:

1. tiddikjara illi ghall-incident awtomobilistiku li gara f'Paola fl-10 ta' Marzu 1990 bejn il-vetturi A-2089 u G-9924 kienu responsabbli in kwantu ghal zewg terzi (2/3) l-atturi fil-waqt li ghal terz (1/3) kien responsabbli l-konvenut;

2. tillikwida d-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' dina l-kollizjoni fl-ammont ta' elf erba' mija u tmien liri Maltin (Lm1408) li kif fuq spjegat huma kkompensati b'ammont ta' disa' mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm939) dovuti mill-atturi lill-konvenut bilanc ghalhekk ta' erba' mija u disgha u sittin lira Maltin (Lm469);

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' erba' mija u disgha u sittin lira Maltin (Lm469) kif fuq spjegat, bl-imghax legali millum.

L-ispejjez tal-kawza, in linea mal-meritu, ghandhom jithallsu zewg terzi (2/3) mill-atturi u terz (1/3) mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.** **rf**